## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 3519/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Edward Fenech**

**Illum 17 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant **Edward Fenech** detenur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru **266670M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

- B'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Jannar 2016 sa Lulju 2021, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li taghti lil Natasha Fenech u/jew lil uliedek is-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' April 2024, fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotta fil-konfront tieghu fejn illiberat lill-hati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza  b'dan li għandu jhallas l-ammont bilanċjali dovut minnu u ċioe' s-somma ta' elf, tlieta u għoxrin Euro u wieħed u ħamsin centeżimu (€1,023.51) fi żmien sitt xhur mil-lum u dan, inter alia ai termini tal-Artikolu 22 u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta nonche 1- Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali.

L-ewwel Qorti spjegat ukoll bi kliem ċar lill-ħati li jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat originali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti **Edward Fenech** prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Mejju ,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara l-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah skont il-ligi.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tikkonsidra l-ħlasijiet li l-appellanti għamel in eċċess ta' dak dovut minnu bħala manteniment. Filfatt in-"*nuqqas*" tiegħu ma kienx xi nuqqas b'kapricc jew sens ta' pika fir-rigward ta' martu, tant li baqa' jagħmel pagamenti meta ma kienx dovut jagħmilhom.

Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost it-tieni aggravju huwa ugwalment car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt issib ħtija fl-imputat appellant stante li ma ġewx ippruvati la l-elementi tal-*actus reus* u wisq inqas tal-*mens rea* kostituttivi tar-reat addebitat lill-esponent. Kif diga ntqal qabel, l-appellant mhux talli ħallas kull ma kien dovut minnu fil-ligi iżda addirittura hallas iżjed, u hallas

somma ferm akbar minn dik li allegatament huwa dovut ihallas lil martu. Saħansitra kompla jhallas manteniment għal ibnu meta dan ma kienx dovut, u martu aċċettat dawn il-ħlasijiet meta żgur kienet taf li ma kienux dovuti minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, Fid-dawl ta' dan wisq inqas jirriżulta l-mens rea rikjesta sabiex tinstab il-ħtija. L-appellant lanqas l-iktar grad baxx ta' element intenzjonali ma kellu li jikser xi dispożizzjoni tal-ligi. Anzi l-intenzjoni tiegħu kienet li jirrispetta u jhallas regolarment dak dovut minnu, tant li għamel *standing order* li dejjem thallset, biex żgur jaċċerta ruhu li jirrispetta l-obbligu assunt minnu. Hu haseb illi kien konformi mal-liġi u, kif qalet il-Qorti tal- Appell fis-sentenza **Pulizija v Duncan Schembri** (Nru 396/2016, deċiża 30 ta' Marzu 2017), "*lanqas fil-fehma ta' din il-Qorti ma setgħet issib reita għall-akkuża kontravvenzjonali fejn hawnhekk ukoll il-volontarjeta ta' l-att ta l-awtur hija nieqsa...*".

Għalkemm ir-reat addebitat huwa kontravenzjonali, u ma hemmx il-ħtieġa li tiġi ppruvata l-*mens rea,* dan ir-reat għandu min-natura ta' delitt għax jirrikjedi l-konoxxenza ta' obbligazzjoni u n-nuqqas ta' tharis ta dik l-obbligazzjoni b'mod li jiġi kriminalment responsabbli. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li dejjem ġie ritenut li ma hemmx bżonn li tiġi ippruvata il-*mens rea* fil-każijiet kontravenzjonali, ġie dejjem ukoll ritenut fl-istess kamp kontravenzjonali li l-prova *in contrario* tista' tiskolpa lill-appellant.

*Se mai* hawn ghandna każ fejn il-mara aċċettat ħlas li ma kienx dovut lilha u pjuttost l-animu tagħha mhux li tieħu dak dovut minnu iżda li tapprofitta ruħha mill-fatt li l-appellanti ma jafx jaqra. Attwalment hija l-mara li hija dovut tirrifondi l-ħlas żejjed li għamel l-esponenti li minnu stagħnat indebitament. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet aggravju huwa li jekk din l-Onorabbli Qorti ma tilgax l-ewwel żewġ aggravji u xorta waħda ssibu ħati, allura għandha tiddikjara li l-ebda ammont ma hu dovut mill-appellanti lejn il-mara, stante li filfatt il-ħlasijiet li għamel huma in eccess tal-hlas dovuti u għalhekk għandhom jitqiesu bħala tpacija. Fil-ligi tagħna l-istitut ta' tpacija huwa trattat taht l-Art 1196 u 1197 tal-Kap 16, li jipprovdu: Art 1196:

*(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpačija.*

*(2) It-tpačija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wiehed, jinqattu wieħed bl-iehor sa' fejn ikunu ndaqs.*

*Art 1197:*

*(1) It-tpačija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeg fungibbli ta' l-istess speći, u li Jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*

*(2) Id-dejn hu likwidu meta hu čert ukoll f' dik li hija kwantità.*

Fis-sentenza **John Camilleri et noe v Charles Vassallo** (Nru 478/98) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru 2011, il-Qorti qalet hekk:

*It-tpacija hija meqjusa mill-Liği bhala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni. Biex issehh it-tpačija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f' biċċa, obbligazzjoni oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpačija, meta tiği eččepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien ta' l-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpačija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpačija hija ammissjoni ta' l- obbligazzjoni kuntrarja u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;*

*a) Fit-tpačija 'i debiti si estinguono non dal giorno della sentenza e per effetto di questa, ma dal momento della lora coezistenza (ex tunc), automaticamente, per effetto della legge....;*

*b) It-tpacija tista' titqies bhala hlas reċiproku li jitfi z-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu indaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpaċija ssehh sa'l-ammont ta' l-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibda skond kemm l- akbar kreditu jkun jisboqq 'il dak li jkun iċken;*

*c) Il-Ligi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpačija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqghodx għar-regoli ta' l-ewwel forma imma tiddependi biss mir-rieda tal- partijiet li jiftehmuha;*

Biex tista' ssehh it-tpačija legali jeħtieġ jintwera li:

*(i) jkun hemm zewg djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux ta' l-istess qies jew valur);*

*(ii) li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin;*

*(iii) li jkunu omogenji (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli);*

*(iv) li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantità; u*

*(V) li d-djun ikunu dovuti u jistghu jintalbu;*

Fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpacija jeħtieġ li jintwera *l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito*. Għalhekk il-ligi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad *b'awtorità interpretattiva li 'la compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioè in una sorta di complesso conteggio a proposito del quale non può parlarsi di compensazione in senso tecnico".*

**L-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili**, in materja ta' kumpensazzjoni, jipprovdi fl-ewwel subinċiż tieghu illi 'meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin issir bejniethom it-tpacija. Din in-norma tippostula qabel xejn illi l-partijiet jkunu kredituri u debituri reciprokament lejn xulxin. Tippresupponi wkoll l-awtonomija tar-rapporti li għalihom jirreferu l-krediti kontrapposti tal-partijiet. Li jfisser li t-tpacija ma toperax ruħha jekk il-krediti johorgu mill-istess rapport negozjali. F'kaz bhal dan jista' se mai ikun hemm tpacija f'sens improprju, ossia s-sempliċi aċċertament kontabbli ta' dak li wiehed għandu jagħti jew jirċievi;

Jinsab stabbilit, imbagħad fl-**Artikolu 1197,** illi t-tpacija ma ssehhx *ipso jure* kif jingħad fl-**Artikolu 1196(2**) jekk iż-żewġt idjun ma jkunux it-tnejn likwidi u certi. Hekk lanqas ma ssehh jekk wieħed mid-djun ma jkunx ammess mill-parti l-ohra jew ikun kontestat. Naturalment il-kontestazzjoni għall-pretiż kreditu, biex teskludi t-tpačija ma tridx tidher prima facie pretestwuza.

F'din il-kawża huwa ċar li jeżistu żewġt idjun, wiehed min-naħa tal-esponenti lejn martu fir- rigward tal-awment fil-manteniment dovut skont l-għoli tal-hajja, u wieħed

mill-mara lejn l- esponenti fir-rigward ta' ħlasijiet ta' manteniment li saru żejda mill-esponenti. Fl-ebda mument il-mara ma cahdet li saru dawn il-pagamenti żejda, u għalhekk hemm lok ghal tpacija.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fl-istess seduta tat-23 ta' Settembru 2024 meta din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**,

Illi l-appellant jistqarr li l-Ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti u dan ghaliex fil-fehma tieghu mhux talli ma hallasx dak dovut lill-kwerelanti ghall-gholi tal-hajja izda fir-realta hallas lill-kwerelanti iktar u dan ghaliex kien qed ihallasha l-manteniment dovut ghall ibnu meta ibnu kien fil-fatt gja ghalaq tmintax-il sena u ghalhekk l-obbligu tieghu li jhallas manteniment lilu kien spicca. Kien ghalhekk li fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jikkontendi li ghandu ikun hemm tpacija u fil-fatt erronjjament ghamel referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili li ma japplikawx ghall-proceduri ta' indoli kriminali. Illi ma hux d-dover ta din il-Qorti sabiex taghmel ezami biex tara jekk fil-fatt hux minnu li hallas manteniment zejjed ghal xi wild izda d-dmir taghha hu li tara jekk id-digriet tal-Qorti giex segwit jew le. Fil fatt issir referenza ghad-decizjoni moghitja mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2006 fl-Appell Kriminali nru. 84/2006 **<u>Il-Pulizija vs Joseph Micallef</u>** saret referenza b'approvazzjoni ghall-Appell Kriminali "**<u>Il-Pulizija vs Publius Said</u>**" [25.09.2003],

> *"... l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan ghan issa ntlahaq bil-hlas fuq imsemmi".*

Ma hemmx dubbju kif jirrizulta minn ezami tal-kuntratt esebit fl-atti redatt minn-nutar Liza Schembri u del resto dan hu ammess ukoll mill-appellant li l-appellant kien intrabat li l-manteniment dovut minnu irid jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja bl-ewwel revisjoni issir fis-sena 2016. Jirrizulta li in effetti minkejja li l-appellant dejjem hallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt esebit ma hallasx id-differenza konsistenti fl-gholi tal-hajja.

**Natasha Fenech** fix-xhieda li tat quddiem l-ewwel Qorti nhar is-16 ta' Ottubru 2023 tgħid li dejjem baqgħet tieħu l-istess ammont ta' manteniment mis-sena 2015 sakemm ghamlet ir-rapport l-ghassa u qatt ma gholla l-ammont. Spjegat ukoll li kienet baghtet ittra lill-appellant biex tgharfu b'dan u dan nhar it-13 ta' Mejju 2021 u gharfitu li kellu itiha s-somma ta' €1,023 kif jirriżulta mid-dokument eżebit minnha u mmarkat bħala Dok NF2. Tgħid li l-appellant ma wegibhiex u kien ghalhekk li pprzentat il-kwerela odjerna. Ikkonfermat li fl-ahhar sena bdiet tircievi ukoll l-gholi tal-hajja fil-manteniment li jinghata lilha. Dwar l-allegazzjoni tal-appellant li baqghet tircievi manteniment ghal binha meta ghalaq tmintax-il sena hija tichdu.Tichad li kien hemm xi pagamenti zejda min naha tal-appellantghax binha ma kienx ghad jmur skola u dan ghalix tikkonferm ali binha kien jattendi l-MCAST.

L-appellant **Edward Fenech** jghid fix-xhieda tieghu tas-16 ta' Ottubru 2023 li kien jghaddi s-somma ta sitt mitt euro ( €600) manteniment ghall-uliedu lil martu Natasha Fenech. Jghid li anke ghamel sena u xahar ihalals manteniment ghat tifel Jael meta ma kientix intitolata ghalih. Jghid li huwa minnu li martu talbitu jhallasha l-gholi tal-hajja izda naqas li jghamel hekkk Jghid li baqa' jghaddilh a manteniment ghat tlett itfgal anke meta ma keintixintitolata ghalihom u esebixxa dokumenti markati bhala dok EF1 sa EF6 li jindikaw l-manteniment li ġie mgħoddi fl-ammont ta €600 mensilment.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li in effetti l-appellant ma segwiex l-obbligazzjoni tieghu skond il-kuntratt sebit fl-atti. Kif gie ritenut fisentenza moghtija minn din il-

Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Marco Attard** deciza fl-1 ta Marzu 2004:-

> *"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*
>
> *1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment(billi ggib kopja legali tad-Digriet jew kuntratt bhal ma sar f'dan il-kaz ,jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas-sentenza relattiva.)*
>
> *2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallasis-somma ."*
>
> *Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova ,jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetentijew li kienet saret rikonciljazzjoni . "*

Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza tagħha diversament preseduta fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Mallia** deciza fit-8 ta' Mejju, 1998 fejn ukoll gie ritenut :-

> *"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjonitipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia** (App. Krim. 10/3/95 , u **l-Pulizija v. Carmelo Farrugia**, App. Krim. 23.1.1998".*

Fil-kaz in desamina ma jirrizultax li l-obbligazzjoni li intrabat biha l-appellant fil-kuntratt ta' separazzjoni esebit fl-atti fir-rigward manteniment gie b'xi mod mibdul

jew revokat u ghalhekk ma hemmx dubbju kif qalet l-ewwel Qorti li l-appellant ghandu jinstabt hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu.

Jigi rilevat li dak kollu li stqarr l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu fir-rigward tpacija m'ghandux widen f'dawn il-proceduri u ghalhekk jekk huwa jhoss li ghamel xi *over payments* din ma hiex il-forum adegwata sabiex jindirizza tali talba u semmai ghandu jivversa it-talba tiegħu f'Qorti Civili.

Il-Qorti rat li l-ewwel Qorti mxiet tajjeb mal-appellant anke fir-rigward l-ordni tal-liberazzjoni kondizzjonijata moghtija fil-konfront tieghu.

Għalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward mertu kif ukoll fir-rigward l-ordni tal-liberazzjoni kondizzjonata. Qeda ukoll tikkonferma l-ordni moghtija ai termini tal-artikolu 22 u 24 tal-kap 446 tal-liġijiet ta' Malta sabiex l-appellant jħallas lil Natasha Fenech l-ammont ta' €1,023.51 fi zmien sittt xhur mill illum .

Din il-Qorti ukoll fissret lill-appellant fi kliem car x'jigri f'kaz li jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**